Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1800

28.7.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1800

tal-24 ta' Lulju 2026

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1426 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' kanali tal-frekwenza usa' fil-banda tal-frekwenzi 5,9 GHz armonizzata mill-Unjoni għal applikazzjonijiet relatati mas-sikurezza ta' sistemi tat-trasport intelliġenti stradali

(notifikata bid-dokument C(2026) 5125)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas regolatorju għall-politika tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-ispektrum tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispektrum tar-Radju) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1426 ([2]) tarmonizza l-kundizzjonijiet għad-disponibbiltà u l-użu effiċjenti tal-banda tal-frekwenzi 5 875–5 935 MHz ("il-banda tal-frekwenzi 5,9 GHz") għall-varar ta' applikazzjonijiet relatati mas-sikurezza tas-sistemi tat-trasport intelliġenti (ITS, intelligent transport systems) stradali u ferrovjarji urbani.

(2) Żviluppi reċenti fl-istandardizzazzjoni jappoġġaw l-użu ta' kanali ta' 20 MHz fil-medda tal-frekwenzi 5 875–5 925 MHz maħsuba għal applikazzjonijiet relatati mas-sikurezza tal-ITS stradali.

(3) L-aċċessibbiltà tal-ispettru tar-radju għal kanali usa' għal applikazzjonijiet relatati mas-sikurezza tal-ITS stradali, minbarra l-kanali armonizzati attwali ta' 10 MHz, tippermetti l-implimentazzjoni ta' każijiet ta' użu bażiċi u avvanzati, li jipprovdu vantaġġi bħal implimentazzjoni simplifikata u effiċjenza ogħla tal-ispettru, filwaqt li jinżamm approċċ teknoloġikament newtrali għall-użu tal-ispettru.

(4) Fl-24 ta' Jannar 2025, skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 676/2002/KE, il-Kummissjoni tat mandat lill-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni (CEPT, European Conference of Postal and Telecommunications Administrations) dwar l-aġġornament tal-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1426 bil-ħsieb li jiġu introdotti kanali tal-frekwenza usa' fil-banda tal-frekwenzi 5,9 GHz għal applikazzjonijiet relatati mas-sikurezza tal-ITS stradali.

(5) Bi tweġiba għal dak il-mandat, fis-7 ta' Novembru 2025, is-CEPT adottat ir-Rapport 91 tagħha ("ir-Rapport tas-CEPT"), li jipprovdi kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-introduzzjoni ta' kanali tal-frekwenza usa' għall-banda tal-frekwenzi 5,9 GHz għal applikazzjonijiet relatati mas-sikurezza tal-ITS stradali.

(6) Ir-Rapport tas-CEPT jikkonkludi li żewġ kanali ta' 10 MHz jistgħu jiġu kkombinati f'kanal wieħed kontigwu ta' 20 MHz għal applikazzjonijiet relatati mas-sikurezza tal-ITS stradali. Ir-Rapport tas-CEPT jikkonkludi wkoll li sakemm ikun hemm id-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-ITS ferrovjarji urbani fil-banda tal-frekwenzi 5 915–5 925 MHz, l-użu tal-kanal ta' 20 MHz fil-banda tal-frekwenzi 5 905–5 925 MHz għall-ITS stradali jenħtieġ li jkun limitat għall-komunikazzjonijiet mill-infrastruttura għall-vettura. Ir-Rapport tas-CEPT jipproponi wkoll emendi tal-kundizzjonijiet tekniċi u operazzjonali stabbiliti bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1426.

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2002/676(1)/oj.

([2]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1426 tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-użu armonizzat tal-ispettru tar-radju fil-faxxa tal-frekwenzi 5 875–5 935 MHz għal applikazzjonijiet relatati mas-sigurtà ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS) u li thassar id-Deċiżjoni 2008/671/KE (ĠU L 328, 9.10.2020, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2020/1426/oj).

(7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1426 tiġi emendata kif xieraq.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ispettru tar-Radju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1426 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Henna VIRKKUNEN
Viċi President Eżekuttiv

ANNESS

"ANNESS

Tabella 1

Parametri tekniċi għal applikazzjonijiet relatati mas-sikurezza ta' sistemi tat-trasport intelliġenti (ITS, intelligent transport systems) fil-banda tal-frekwenzi 5 875–5 935 MHz

Parametru	Valur
Densità tal-potenza spettrali massima (EIRP medja ([1]))	23 dBm/MHz
Potenza tat-trażmissjoni totali massima (EIRP medja)	33 dBm b'kontroll tal-potenza tat-trażmissjoni (TPC, transmit power control) It-TPC għandu jkun jista' jnaqqas il-potenza totali mill-massimu tiegħu għal 3 dBm EIRP

Tabella 2

Parametri tekniċi speċifiċi għall-ITS stradali li joperaw fil-banda tal-frekwenzi 5 875–5 925 MHz


Parametru	Valur
Emissjonijiet mhux mixtieqa ta' aktar minn 5 925 MHz	Daqs jew inqas minn -30 dBm/MHz EIRP

F'konformità mad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni ([2]). Jekk it-tekniki rilevanti jkunu deskritti fi standards armonizzati jew f'partijiet minnhom, li r-referenzi għalihom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2014/53/UE, għandha tkun żgurata mqar prestazzjoni ekwivalenti għal-livell tal-prestazzjoni assoċjat ma' dawk it-tekniki.

Arranġament tal-frekwenzi

L-arranġament tal-frekwenzi hu bbażat fuq għadd ta' blokok ta' 10 MHz li jibdew mit-tarf t'isfel tal-banda, jiġifieri fil-5 875 MHz.

Għall-ITS stradali:




Fil-banda tal-frekwenzi 5 875–5 925 MHz, l-applikazzjonijiet tal-ITS stradali għandhom jużaw kanali fil-konfini ta' kull blokka ta' 10 MHz. Il-wisa' tal-banda tal-kanal tista' tkun inqas minn 10 MHz.

Żewġ blokok jistgħu jiġu kkombinati f'kanal wieħed kontigwu ta' 20 MHz.

L-użu tal-kanal ta' 20 MHz iffurmat minn żewġ blokok ta' 10 MHz fil-banda tal-frekwenzi 5 905–5 925 MHz għandu jkun limitat għal komunikazzjonijiet mill-infrastruttura għall-vettura, filwaqt li jiġi nnotat li r-restrizzjonijiet japplikaw għall-banda tal-frekwenzi 5 915–5 925 MHz f'konformità mal-Artikolu 3(3).

([1]) EIRP: potenza isotropika rradjata ekwivalenti (equivalent isotropically radiated power)
([2]) Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li thassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/53/oj).

Għall-ITS ferrovjarji urbani:



Fil-banda tal-frekwenzi 5 875–5 915 MHz, l-applikazzjonijiet tal-ITS ferrovjarji urbani għandhom jużaw kanali fil-konfini ta' kull blokka ta' 10 MHz. Il-wisa' tal-banda tal-kanal tista' tkun inqas minn 10 MHz.

Fil-banda tal-frekwenzi 5 915–5 935 MHz, il-wisa' tal-banda massima tal-kanal għandha tkun 10 MHz għall-applikazzjonijiet tal-ITS ferrovjarji urbani. Il-linja bit-tikek turi l-arranġament tal-frekwenzi armonizzat ippreferut iżda, fil-livell nazzjonali, il-varar jista' juża kanal iċċentrat fil-5 925 MHz."